Grajjiet, Drawwiet, Tifkiriet

(Minn Mons. Prof. Arturo Bonnici)

TAQLIBA TA' L-GHAGEB F'GIMGHA

Bħal dil-ġimgħa 174 sena ilu, f'Malta kien qed isir taqlib kostituzzjonali, politiku, kulturali, militari u ġuridiku qatt bħalu fl-Istorja ta' Malta.

Sewwa sew mas-sebħ tal-10 ta' Ġunju 1798, il-General Bonaparte, li kien insejħu Napuljun, kontra r-regola tal-Granmastru Hompesch u l-Kunsill tal-Ordni, ġiegħel lis-suldati tiegħu jinżlu l-art. Dan sar mingħajr diffikultajiet kbar u bi ftit reżistenza. Sat-8 ta' filgħodu, ix-xtut tal-Gżira kienu ġa maħkumin mill-Franċiżi. F'nofsinhar l-Imdina fetħitilhom il-bwieb tagħha u massiegħa kienu niżlu wkoll fil-Gżira ta' Għawdex.

TRATTAT L-AKTAR UMILJANTI

Għat-tawba tal-Granmastru, bis-saħħa ta' deputazzjoni li ntbagħtet fuq il-frejgata ammiralja *Orient*, sar armistizju ta' 24 siegħa, u fl-għodwa tat-12 ta' Ġunju ġie ffirmat trattat bi 8 artikoli iddattati minn Bonaparte stess — trattat l-aktar umiljanti għal dak l-Ordni, li għal fuq is-700 sena għadda ħajja militari u navali l-aktar glorjuża.

B'dak it-trattat l-Ordni ċeda l-isbiet u l-fortizzi ta' Malta u Għawdex, il-jeddijiet tiegħu ta' sovranita' fuq dawn il-Gżejjer u l-proprjeta' kollha li kellu fiha. Il-Kavalieri ġew mibgħuta pajjiżhom. Ir-Repubblika ta' Franza intrabtet li tħallas pensjoni lill-kavalieri franċiżi sakemm idumu Malta. L-istess Repubblika kellha tuża' l-influwenza tagħha biex il-kavalieri l-oħra jgawdu l-jeddijiet fuq l-artijiet tagħhom f'pajjiżi oħra. Il-Granmastru kellu jingħata prinċipalita' oħra egwali għal Malta, somma flus u pensjoni tul ħajtu. Il-Kavalieri kellhom jiskutaw igawdu l-proprjeta' privata tagħhom, u l-Maltin, bħal fl-imgħoddi, kellhom jitħallew ħielsa li jeżerċitaw ir-Reliġjon Kattolika, Appostolika, Rumana u jissuktaw igawdu l-ġid u l-privileġġi tagħhom mingħajr taxxi esaġerati. Il-Liġijiet Civili li għadda l-Ordni kellhom jitħarsu u jiġu esegwiti. Hafna minn dawn il-weghdiet ma ġew qatt mitmuma. Id-dinja kienet u tibqa' dejjem l-istess!

IL-FORTIZZA L-AKTAR QAWWIJA

Il-Maltin ma ħadux gost b'dik il-kapitolazzjoni. B'danakollu, fit-13 tax-xahar, Napuljun daħal rebbieħ fil-Belt Valletta, li hu ddeskriva bħala l-fortizza l-aktar qawwi tal-Ewropa, tant li hu stqarr lill-General Vaubois: "Bix-xorti li kellna ħbieb li fetħulna l-bibien minn ġewwa: kieku biss il-Belt kienet vojta, konna nsibuha bi tqila li nidħlu fiha".

Fl-ewwel lejl, Napuljun għammar fil-Banka Guratali, fejn illum hemm ir-Reġistru Pubbliku; iżda l-għada mar joqgħod f'post iżjed komdu, fil-Palazz Parisio, fejn illum hemm il-Posta.

Napuljun dam Malta sat-18 tax-xahar; iżda f'dawk il-ftit jiem huwa għamel taqliba sħiħa f'kull qasam tal-ħajja nazzjonali. Kemm qal sewwa dwar hekk Laferla, meta kiteb fil-Istorja ta' Malta li żgur li ħadd, fi spaziu ta' ftit jiem, ma ssogra aktar u ma għamel iżjed minnu u ħadd ma qalleb lil Malta daqsu.

HATFA TAT-TEZORI

L-ewwel xogħol tiegħu, fit-13 ta' Ġunju, kien li qabbad lill-General Berthier iżur iż-Zekka u t-Teżori tal-Knisja ta' San Gwann, tal-Palazz, tal-Bereġ u ta' mkejjen oħra, u ordnalu li jiġbor kull ma jsib prezzjuż fihom: idewweb, iddeheb kollu u jagħmlu ingotti u jixħethom flimkien malħaġar prezzjuż fil-Kaxxa tal-Eżerċtu, u ġagħlu jbiegħ lin-negozjanti l-fidded sa 250,000 jew 300,000 frank, u jieħu l-fidda li jibqa' fiż-Zekka, ħalli ssir muniti għal manteniment tas-suldati. F'San Gwann u fil-knejjes l-oħra kellu jitħalla biss dak li kien mill-aktar meħtieġ għall-qima.

Id-dokumenti juruna li minn San Gwann biss ħa b'kemm jiswew 59,943 skud djamanti, 97,470 skud deheb u 263,025 skud fidded (kollox iġibu fuq il-£35,000). B'dak li ħa minn San Gwann, mill-Palazz tal-Granmastru u minn bnadijiet oħra, is-somma laħqet b'kollox mal-£51,130. Din kienet somma wisq kbira għal 174 sena ilu, meta l-ħajja kienet bil-wisq irħas minn ta-lum, u bit-terz mal-*mil* tal-lum, jew b'ħabba, kont tista' tixtri xi affarijiet. Biżżejjed ngħidu li l-ħlas tal-Kummissarju, jew Kap tal-Gvern, kien ta' 14-il xelin u 9 soldi kuljum, dak tal-Professuri kien minn żewġ xelini u 9 soldi sa erba' xelini u nofs kuljum, u l-pensjoni tan-nisa romol tas-suldati kien biss sold kuljum. Jiena nikkalkola li l-ħajja tal-lum hija 20 darba dik ta' dak iż-żmien u għalhekk £35,000 kienu jsarrfu £700,000 tal-lum u £51,130 kienu jiswew £1,022,600.

Fl-istess ħin, Bonaparte beda rijorganizzazzjoni sħiħa fit-tmexxija tal-pajjiż. Waqqaf Kummissjoni ta' 9 Maltin, nominati minnu, b'Kummissarju franċiż fuqhom, biex jaħsbu għall-ġbir tat-taxxi, il-proviżjon, is-saħħa u l-Qrati. Qassam il-Gżejjer maltin f'municipji b'mhux inqas minn 3,000 ruħ il-wieħed, iggvernati minn 5 membri taħt Magistrat. Fost il-membri tal-Kummissjoni tal-Gvern kien hemm Dun Franġisk Saverju Caruana, li wara sar Arċisqof ta' Malta.

ILSIERA, KUKKARDI U SIGILLI

Tliet ijiem wara, 16 tax-xahar, Napuljun ħareġ 4 digrieti. Fl-ewwel wieħed ordna li kull bniedem għandu jitqies daqs l-oħrajn sakemm ma jingħażilx minnhom għat-talent, il-merti, il-patrijottiżmu jew l-attakkament tiegħu mar-Repubblika Franċiża. Abolixxa l-ijasar: bagħat lill-ilsiera torok pajjiżhom bil-ħsieb li l-Awtoritajiet Torok jibagħtu lura lill-ilsiera maltin u franċiżi. Ordna li kulħadd iġib il-kukkarda ħamra, bajda u kaħla u pprojbixxa li tintlibes il-libsa nazzjonali franċiża, jekk mhux minn min ikun maħtur mill-Kmandant il-Kbir. Ordna wkoll li jitneħħew l-armi nobiljari minn fuq il-bini u li ma jintużawx aktar it-titli u s-sigilli tal-Ordni u tan-nobbilta', u ried li fil-knejjes titpoġġa l-arma tar-Repubblika flok dik tal-Granmastru. Ordna fl-aħħarnett lill-plenipotenzjarju li jit ilufqilf-u e kFO tenzjarju li jitilqu l-uffiċċji tagħhom u hedded pieni ħorox għal min ma jħarisx dak l-ordni.

ZARMATI U ARMATI

It-tieni digriet tal-ġurnata kien ta' natura militari. Bih ordna diżarm ġenerali fost il-popolazzjoni, ried li tissokta l-Infanterija Hafifa u li jerġgħu jitwaqqfu l-istazzjonijiet tas-sinjali bejn Malta u Għawdex. Ordna li titwaqqaf kumpannija ta' 30 voluntier mill-familji l-aktar għonja ta' Malta b'uniformi speċjali u bix-xabla, biex jieħdu sehem fir-rivisti militari. Ried li jintbagħtu, passaġġ frank, iżda a spejjeż tal-ġenituri, 60 tifel mid-9 sal-14-il sena, mill-istess familji f'kulleġġ ġo Pariġi u sitta oħra bħala apprentisti navali. Hedded il-lieva għall-baħrin, fil-każ ta' nuqqas ta' baħrin voluntieri.

L-ISPTAR TAL-ORDNI GHALL-FRANCIZI BISS

Issokta r-rijorganizazzjoni militari b'digriet ieħor, li bih ordna li fil-muniċipalitajiet ta'-Belt, jitwaqqaf battaljun ta' Gwardji Nazzjonali, b'uniformi għalihom, mill-għona familji, biex jippatrolljaw it-triqat, iżda mhux il-fortizzi. Poġġa l-Korp tal-Fanterija taħt i-General tad-Diviżjoni tiegħu. Waqqaf 4 kumpanniji ta' suldati veterani, 2 minnhom biex jintbagħtu Korfu', 4 kumpanniji oħra għall-batteriji taxxtut taħt fizzjali Franċiżi u ħajjar biex jinfetħu kumpanniji oħra ta' fanterija ħafifa, b'100 suldat kull waħda. L-Isptar tal-Kavalieri ġie riservat għas-suldati Franċiżi biss.

MESS IL-MINNI TA' GHAJNEJN IL-MALTIN

F'dak l-istess jum Bonaparte mess ukoll l-istituzzjoni ekkleżjastika u heżżiżha mis-sisien tagħha. Minkejja l-wegħdiet tiegħu, Napuljun ordna tkeċċija, fi żmien 10 ijiem, tal-qassisin, patrijiet u sorijiet mhux Maltin. Halla biss lill-Isqof Labini, li kien Taljan. Ordna li l-patrijiet iżommu kunvent wieħed biss, u dak li jaqilgħu iżjed mill-meħtieġ jagħtuh lill-fqar. Ipprojbixxa li jsiru t-tliet voti reliġjuż min-nies taħt it-30 sena u li jiġu ordnati qassisin ġodda, qabel ma' l-oħrajn kollha jkollhom xi impieg. Ma riedx li l-kjerieċi jilbsu s-suttana qabel ikunu ordnati djakni. Qassam il-kanonċi tal-Kattidral f'żewġ sezzjonijiet: sezzjoni ta' 5 fil-Kattidral u sezzjoni ta' 15 fil-knisja ta' San Gwann, li hu minn rajh, bħallikieku kien il-Papa, għolla għall-grad ta' kon-kattidral. Hedded lill-Isqof u lis-Superjuri Reliġjużi b'sitt xhur ħabs jekk ma jibagħtux ċertifikat tat-twelid ta' kull qassis jew reliġjuż. X'ħelsien u ħarsien sabieħ tal-Knisja Kattolika!

PENSJONIJIET U NGAGGAR

Fis-17 tax-xahar, Napuljun ħareġ żewġ editti oħra — wieħed ta' pensjoni lin-nisa u t-tfal tas-suldati li kienu fi-Gwardja tal-Granmastru u fir-Reġiment Malti, li kellhom jitilqu mal-flotta Franċiża; u ordna li jiġu ngaġġati bħala **cabin-boys** it-tfal tagħhom ta' fuq l-10 snin.

Bl-ieħor reġa' ndaħal fil-ħwejjeġ tal-Knisja billi pprojbixxa lill-qassisin tar-Rit Latin li jqaddsu fil-knejjes Griegi u wieġħed ħarsien lil-Lhud li jiftħu sinagogi f'Malta. Fl-istess yin huwa rringrazzja lill-Griegi li ġabu ruħhom tajjeb miegħu u hedded bil-mewt lil dawk l-jżommu relazzjonijiet tajba mar-Russja, li kienet għadu tiegħu, u li jgħarraq il-vapuri tagħhom jekk itelligħu bandiera Russa.

TAXXI FAVUR L-EZERCTU

Fit-18 tax-xahar ħareġ ħames digrieti oħra. Bl-ewwel wieħed qassam il-Kummissjoni tal-Gvern f'**bureau** bi 3 membriu kunsill u ffissa s-salarju tagħhom. Bl-ieħor, dwar it-taxxi, wera l-fehma li dawn jiżdiedu sakemm il-Gvern idaħħal 720,000 frank fis-sena — 600,000 minnhom għall-eżerċtu u 120,000 għall-amministrazzjoni tal-Gvern. Il-kura tat-triqat ta' l-ibliet, l-indafa u d-dawl fihom jibqgħu jitħallsu mill-poplu. It-tiswija tat-triqat ta' rħula ssir bil-flus li jingabru mit-taxxa tal-passaġġ. Il-vapuri flimkien mal-vjeġġaturi jħallsu taxxa għall-fizzjali u għal spejjeż oħra tad-Dipartiment tas-Saħħa. Il-vapuri li jidħlu jieħdu l-ilma fil-port iħallsu għall-għejjun. L-iskejjel kellhom jinżammu bil-flus imħallija għalhekk u bid-dħul talkunventi magħluqa, li kellhom jagħmlu tajjeb ukoll għall-isptarijiet. Napuljun ordna - ħlas tal-Posta u reħa l-provvista tal-qamħ f'idejn il-Kummissarju tal-Gvern.

SKEJJEL GODDA

Iddigrieta wkoll it-twaqqif ta' Skola Centrali, i tieħu l-post tal-Universita', b'7 professuri u bibljotekarju, u għaqqad magħha l-Bibljoteka, il-Muzew tal-Antikita' u l-Osservatorju. Il-kors mediku għaqqdu mal-Isptar.

F-istess jum stabbilixxa li jinfetħu 15-il skola primarja, biex it-tfal jitgħallmu jaqraw u jiktbu bil-Franċiż, l-arimetka, is-sengħa tal-bdot, il-prinċipji tal-moralita' (!) u ta-kostituzzjoni Franċiża minn surmastrijiet maħtura u mmexxija mill-Kummissjoni Governattiva.

TNAQQIS TAL-AWTORITA' TAL-KNISJA

Jekk f'dan id-digriet kien hemm xi tfaħħar, mhux hekk fid-digriet ta' warajh, li fih Napuljun neħħa kull setgħa lill-Isqof, ħlief dik li jissorvelja l-kleru, xeħet il-kawżi taż-żwieġ taħt il-Qorti Civili u pprojbixxa l-ħlas ta' flus lill-kappillani u l-qassisin li jaqdu d-dmir tagħhom. Qered ukoll il-ġurisdizzjoni li l-Metropolita ta' Palermo kellu fuq is-Sedi Mal-

(Ikompli f'paġna 8)

TAQLIBA TAL-GHAGEB F'GIMGHA

(Jaqbad minn paġna 4)

tija u saħansitra dik tal-Papa, Kap Suprem tal-Knisja Kattolika.

Fl-aħħar digriet tiegħu, Napuljun ordna li jitħallsu 40,000 frank għall-isptarijiet; 300,000 għall-ħlas tad-djun tal-Granmastri; 300,000 frank biex jinżammu l-eżerċtu u l-flotta, u 300,000 frank għal xi assedju li jista' jinqala'. Ikkontrolla l-bejgħ ta' proprjeta' u ta' artijiet. Ordna t-tluq tal-Konslijiet Ingliż u Russa, li kienu ta' potenzi kontrih.

Jumejn wara, fl-20 ta' Ġunju, l-aqwa fost il-ġenerali taddinja, telaq minn Malta għall-Eġittu, fejn it-telfa tiegħu filbattalja tan-Nil kissret il-ħolma tiegħu ta' Imperu fil-Lvant.

Nixtieq kieku nieqaf hawn, għax ġa' għidt ħafna; iżda nħoss li m'għandix inħalli barra r-reazzjoni tal-poplu Malti għal dik it-taqliba. Inħallu filġenb il-għali tal-Granmastru Hompesch, li minn Kap ta' Ordni ta' Nobbli — kulħadd u kollex taħtu — sab ruħu jiddependi minn bniedem tal-poplu li neżżgħu minn kull setgħa, u d-dwejjaq tal-Kavallieri li raw il-palazzi tagħhom jaqgħu f'idejn ħaddieħor, l-armi nobiljani tagħhom jitkissru, it-tezori tagħhom jisparpaljaw ruħhom, u l-isptar internazzjonali tagħhom iservi għall-Franċiżi biss u nitkellmu mill-Maltin. Beka l-Isqof Labini, li bħala Isqof kien iħossu missier il-Maltin; beża' l-Kleru minħabba fil-prinċipji vjolenti tar-Rivoluzzjonarji; tkexkxu bis-serq tal-knejjes, bit-tkeċċija ta' sħabhom fis-saċerdozju, fl-għeluq tal-kunventi, u bid-digrieti kontra l-voti reliġjużi u kontra d-drawwiet u l-jeddijiet tagħhom. Tneħħi xi ftit min-nobbli jew għonja li rnexxielhom, jew għall-inqas kellhom xi tama, li jieħdu xi post għoli fis-soċjeta' ġdida, l-oħrajn kollha tgħaddbu bittelf tal-ilsiera li seta' kellhom, bix-xkiel fl-amministrazzjoni ta' ġidhom, bil-biża' li jitgħabbew bit-taxxi u bil-ħieva pulita ta' wliedhom. Il-membri tal-Universita' jew Kunsill Popolari ssobbiegħhom għat-telf tal-jedd li kellhom tal-proviżjon u tqassim tal-qamħ.

Min-naħa l-oħra, ferħu xi żgħażagħ għonja li setgħu jiddandnu bl-uniformi ġdida b'ħafna lwien, ix-xabla mdendla ma' ħżiemhom u bit-tluq tagħhom għal Pariġi, il-ġenna ta' l-art ta' dak iż-żmien. Ferħu wkoll dawk li jħobbu t-tagħlim, bid-deċiżjoni tal-ftuħ ta' aktar skejjel għat-tagħlim tal-poplu.

Imma xi ngħidu għan-nies in ġenerali? Hafna minnhom kienu ġa' minn qabel kuntrarji għall-ħakma Franċiża u ħaduha kontra -Ordni li ċieda l-armi. Hafna oħrajn li, imdejqin mill-Kavallieri, riedu l-bidla tal-ħakkiema u għamew wara l-wegħdiet ta'ugwaljanza u ta' ġid, maż-żmien bdew iħossu mod ieħor, speċjalment meta bdew jaraw is-serq tal-knejjes, li huma kienu jħarsu lejhom bħala djar tagħhom, it-tkeċċija tal-patrijiet u tas-sorijiet li huma kienu ħassew il-feda u s-sur tagħhom fl-opri ta' ħniena, it-theddida tal-lieva għalihom jew għal uliedhom, is-safar sfurzat tat-tfa bħala **cabinboys,** il-flus miġbura mill-Maltin imorru kważi kollha fi-kaxxa tal-eKerċtu Franċiż flok fil-kaxxa ta' Malta u għall-Maltin.

Mhux ta' b'xejn f'inqas minn 3 xhur il-Franċiżi sabu ruħhom imkeċċija minn kullimkien, barra mill-Belt, fejn ġew imblukkati għal sentejn sħaħ.